

# il-hajja ta' kristu gesu'

## KRISTU JITLA' IS-SEMA

Kristu dam erbghin jum fid-dinja wara li qam mill-mewt. Huwa qaghad ma' l-appostli u deher lil bosta dixxipli. Dan ghamlu l-ewwel biex juri lil dawk li kienu jimxu warajh li hu tassew qam mill-imwiet u isahhahhom fit-taghlim.



"Jien il-Qawmien u l-Hajja," qalilna Gesu'. Jum wiehed ahna ilkoll ghad inqumu mieghu ghax Huwa rebah il-mewt.

Meta jum minnhom Hu kien qed jiekol ma' l-appostli tahom dan il-kmand : " Thallux lil Gerusalem, imma oqghodu stennew sakemm jiena nibghatilkom l-Ispirtu Qaddis, li weghdtkom. Gwanni ghammed bl-ilma, imma intom tghammdu bl-Ispirtu Santu."



Migburin madwaru, Gesu' ordna lil appostli biex imorru jghallmu u jghammdu f'ismu u b'hekk tinxtered is-saltna ta' Alla.

Meta ghaddew erbghin jum Gesu' gabar lil appostli u hadhom fuq l-gholja u hemm rawh tiela' l' fuq 'l fuq sa ma shaba ghattietu.



L-appostli baqghu jharsu lejh sa ma gheb ghal kollox. Imbaghad dehrulhom zewg angli libsin l-abjad u qalulhom li Gesu' ghad jerga' jigi  bl-istess mod li huma kienu rawh tiela' fis-sema.

RIFLESSJONI:

Billi Kristu tela' is-sema ma jfissirx li inqata' minn maghna. Anzi ghal kuntrarju Huwa ghadu maghna prezenti fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija. Huwa jrid li jkun u jibqa' habib taghna ghal dejjem sa ma fl-ahhar niltaqghu mieghu fil-genna.

Imma inti trid tkun habib ta' Kristu?

Jekk iva qis li tmur tisma' l-quddiesa jekk jista' jkun kuljum u tircevih sagramentalment.

Jekk iva obdi u hares dejjem il-ligi tieghu.

Jekk iva hobb il-proxxmu tieghek bhalek niffsek.